# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 57

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin

**It-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

**0.01** **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi tiġi diskussa mozzjoni specjali nru. 0001/2016 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.** Bdil fl-ordni tal-aġenda

0.02 Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li fuq parir tal-Ombudsman u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali tinbidel id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill f'seduta G52 u jsir il-ħlas dovut lis-Sur Ryan Galea. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Mozzjoni speċjali nru. 0001/2016

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-7.45 ta' filgħaxija.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 56**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G56 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 56

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 56**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 55

2.01 8.01 Is-Sindku saħaq dwar in-nuqqas ta' attendenza mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv għas-seduti. Huwa qal dan qed iwassal biex il-KA mhux jiltaqa' minħabba nuqqas ta' 'quorum'.

Minuti KA Baħrija – Seduta numru B22

Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Kumitat Amministrattiv. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament u ġie deċiż li tali laqgħa tissejjaħ għal nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija ġewwa l-bini tal-Kunsill.

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku x'tiġi diskussa.

**4.00 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Frar u Ġunju 2016. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Paul Grech naqas milli jattendi l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Attendenza tal-Kunsillieri

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Rudolf Grima, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Grech ma jiġix vakant.

**5.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 260 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 260

**6.00 Għażla tal-offerta għall-Kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent –**

**RLC/T/0154/16**

6.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta terġa' tinħareġ mill-ġdid, peress li l-uniku offerent *Progressive Solutions Ltd* kien *technically non-compliant.* Barra minn hekk l-offerta mitfugħa kienet taqbeż il-valur stmat.

Peress li kien hemm varjanza sostanzjali bejn l-istima maħruġa mill-perit tal-Kunsill u l-offerta mitfugħa, is-Sindku ppropona li l-perit jintalab jagħmel ri-evalwazzjoni tal-istima qabel terġa' tinħareġ din l-offerta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għall-Kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent – RLC/T/0154/16

**7.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti – RLC/Q/087/14**

7.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/087/14 għat-tisqija u żamma tal-pjanti u ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti – RLC/Q/087/14

**8.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14**

8.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/088/14 għall-ġbir ta' annimali mejta u ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14

**9.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14**

9.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/089/14 għat-tindif tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill u ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14

**10.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-sevizz ta' Mini Bus Rabat/Mtarfa – RLC/Q/091/15**

10.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/091/15 għall-servizz ta' Mini Bus Rabat/Mtarfa u ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-sevizz ta' Mini Bus Rabat/Mtarfa – RLC/Q/091/15

**11.00 Tiġdid tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka – RLC/T/0149/15**

11.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0149/15 għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka –

**12.00 Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita – RLC/T/150/15**

12.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/150/15 għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita – RLC/T/150/15

**13.00 Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun – RLC/T/151/15**

13.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/151/15 għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun – RLC/T/151/15

**14.00 Ħrug tal-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta'**

14.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-kwotazzjoni, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta'. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħrug tal-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta'

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fid-8.54 ta' filgħaxija.

**15.00 Ħruġ tal-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini**

15.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' bankini. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini

**16.00 Korrispondenza**

16.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari Numru 11/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità (l-Aħħar Sejħa)

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jissottometti l-espressjoni ta' interess għall-*Handyman*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ċirkulari 11/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità (l-Aħħar Sejħa)

16.02 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0713/16**, dwar it-tabelli tan-*No Entry*

Tabelli tan-*No*

*for Heavy Vehicles* fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li tali talba tiġi diskussa ma' 'Transport Malta' peress li Triq Ġorġ Borg Olivier hija triq arterjali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. *Entry for Heavy Vehicles* fi Triq Ġorġ Borg Olivier

16.03 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0773/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba minn 'Transport Malta' sabiex il-Kunsill jissuġġerixxi postijiet fil-lokalità fejn jistgħu jiġu installati *electric vehicles charging points.* Talba għall-Insallazzjoni ta' *electric vehicles charging points*

Is-Sindku ppropona li dawn jiġu installati waħda l-Baħrija u l-oħra tal-Virtù. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.04 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0783/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-organizzaturi tal-festa tal-Madonna tal-Imtaħleb sabiex il-Kunsill jipprovdi *mobile toilet*s tul il-jiem tal-festa. Talba għal *mobile toilets*

Is-Sindku ppropona li tali talba tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.05 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0791/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand ir-*Rabat Ajax Football* Nursery sabiex bħal kull sena l-Kunsill joffri s-servizz tat-transport lit-tfal Rabtin biex ikunu jistgħu jattendu s-sessjonijiet ta' taħriġ ġewwa l-Imtarfa. Talba mingħand ir-*Rabat Ajax Football Nursery*

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li tali talba tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.06 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0824/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jiġu installati bozoz ġodda ġewwa Triq Għajn Tejtes. Talba għal bozoz fi Triq Għajn Tejtes

Is-Sindku ppropona li din it-talba titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0835/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand NGO ġdida bl-isem *Natalis Notabilis* fejn infurmawna li jixtiequ jtellgħu attività għal żmien il-Milied. Huma qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa din l-attività. Ġie deċiż li l-Kunsill jilqa` din it-talba u ssir laqgħa fil-ġranet li ġejjin. Talba għal-laqgħa mill-NGO *Natalis Notabilis*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fl-9.40 ta' filgħaxija.

**17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru B23**

17.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B23 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija – Seduta numru B23

**18.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B23 u B24**

18.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B23 u B24 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il- Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti

proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

numru B23 u B24

**19.00 Materji Oħra**

19.01 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għall-knis manwali, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* bl-użu ta' materjal li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, ikun kompost kif ġej:

*Opening Staff* – Offerta għall-knis manwali, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* bl-użu ta' materjal li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Muscat
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

19.02 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għall-knis manwali, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* bl-użu ta' materjal li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, ikun kompost kif ġej:

Kumitat tal-Evalwazzjoni – Offerta għall-knis manwali, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* bl-użu ta' materjal li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sra Brendaline Attard
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sra Roberta Galea

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

19.03 Is-Sindku ppropona li bħal kull sena jintxraw id-dijarji għas-sena 2017 għall-Kunsilliera, il-membri tal-Kumitati Ammistrattivi u l-*istaff*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament u qabel li jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiddeċiedi skont il-ħtieġa wara li jkunu nġabru l-kwotazzjonijiet.

Xiri ta' dijarji

19.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo saħaq dwar l-istat ħazin li jinsab fih il-bandli ta' Ġnien Bir Iljun u dwar il-bżonn li tittieħed azzjoni.

Bandli ta' Ġnien Bir Iljun fi stat ħażin

Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li ssir talba lill-Environment & Resourses Authority sabiex jitneħħew is-siġar li hemm f'dan il-ġnien sabiex minflok il-bandli isir grawnd tal-futbol.

19.05 Il-Kunsillier Paul Grech saħaq dwar il-bżonn li Ġnien Patri Martin Caruana f'Misraħ San Duminku jingħata tindifa tajba.

Bżonn ta tindif tal-Ġnien Patri Martin Caruana

19.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li jinxtraw sitt iqsari zgħar u jitpoġġew ħdejn il-knisja ta' Santa Katerina tad-Daħla. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Xiri ta' qsari

**20.00 Data tas-seduta li jmiss**

20.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

20.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum It-Tlieta 27 ta' Settembru 2016

**(Iffirmata)** **(Iffirmata)**

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**